**Minuti tal-Laqgħa nru 26 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret , Il-Ħamis 21 ta' Mejju 2009**

l-laqgħa bdiet fis-7.40 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.40 p.m. | 22.45 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.40 p.m. | 22.45 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.35 p.m. | 22.45 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.40 p.m. | 22.45 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 7.40 p.m. | 22.45 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.40 p.m. | 22.45 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 7.30 p.m. | 22.45 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.40 p.m. | 22.45 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.40 p.m. | 22.45 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.30 p.m. | 22.45 p.m. |

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru 25 tas-7 ta' Mejju 2009**

1.01 Is-Sur Joe De Martino talab korrezzjoni . Il-kliem f'item 8.04 min "F'dan l-istadju ...... sa... li huma pupi" jinqatgħu u f'item 4.01 jidħlu il-kliem "Joe De Martino qal li minkejja kunsilliera laburisti kienu qablu li l-laqgħa tiġi aġġornata ma kellhomx il-ħila jitolbu lis-Sindku jaġġorna l-laqgħa u ikkumenta li huma pupi" wara il-kliem "ma għaddietx b'6 kontra 5". Ġie approvat li ssir din il-korrezzjoni.

*li qal li hu ma joqgħodx għall-kelma ta' pupi.*

1.02 Fuq kumment tas-Sur Paul Agius is-Sur Joe Demartino talab lis-Segretarju Ezekuttiv jniżżel fil-minuti li f'laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fid-29 ta' Awissu 2008 dwar ir-riforma tal-Kunsilli, is-Sindku kien qal il-kliem " nagħtih daqqa ta' ponn u nitfgħu mit-tieqa" fir-rigward tiegħu (Joe Demartino). Is-Sindku ċaħad li qal dan il-kliem . Dr. Shirley Farrugia qalet li hi wkoll kienet semgħetu jgħid hekk.

**2.0 Tagħrif mill-minuti**

2.01 Dwar item 3.05 ġie deċiż li Segretarju Eżekuttiv jagħmel arranġamenti mal-Housing Department sabiex jiġġedded il-kuntratt tal-kera bir-rati ġodda kif talab dan id-dipartiment. Ġie deċiż wkoll li l-garages kollha jinżammu għall-użu tal-Kunsill. Jekk issir xi talba minn xi għaqda tal-Mosta għall xi wieħed minn dawn, din tiġi ikkonsidrata fuq il-mertu tagħha.

2.02 Dwar item 3.09 – POYC reserved parking – Saret diskussjoni jekk għandhiex issir loading/unloading bay minflok il-parking bay li hemm fil-pjazza li fil-preżent qegħda dejjem tkun okkupata abbużivament minn bejjiegħa tal-ħut. Din tkun tista tintuża kemm għall-iskop tal-POYC (Pharmacy of Your Choice) kif ukoll mill-ħwienet l-oħra. Ma kienx hemm qbil u għalhekk saret votazzjoni. Il-voti ġew 6 kontra 4 li għandha issir applikazzjoni lill-ADT għall-loading/unloading bay kif spjegat aktar il-fuq quddiem id-dar tal-Paramount faċċata tal-Knisja.

2.03 Dwar item 3.13 – Bollards Triq il-Parrocca – Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Perit Chris Grech spjegaw li flimkien mal-Perit Charles Buhagiar kellhom meeting mal-Perit David Vassallo (ADT) fejn ġew informati li sabiex tiġi ikkonsidrata it-talba ta' remote - controlled bollards fit-toroq li ġew ippavimentati riċentement, l-ewwel irridu jinqalgħu l-bollards li waħħal il-Kunsill mingħajr l-approvazzjoni tal-ADT. Dwar applikazzjonijiet pendenti ġie spjegat wkoll li l-Perit Vassallo qal li jkun aktar faċli li jerġgħu jintbagħtu mill-ġid milli joqogħod ifittixhom għaliex huwa ma kien ingħata l-ebda applikazzjonijiet tal-Kunsill tal-Mosta meta ngħata hand-over tax-xogħol mingħand ta' qablu. Ġie deċiż li l-Perit Etienne Magri jintalab jgħaddi dawn l-applikazzjonijiet pendenti mill-ġdid lill-ADT.

2.04 Dwar item 7.00 Revoka ta' Riżoluzzjoni dwar Tender KLM 04/2008 – Inqraw l-ittri ta' pariri mogħtoja mis-Sur Natalino Attard (DLG) u l-avukat Joe Mifsud, fejn is-Segretarju ngħata parir li la darba din il-mozzjoni ta' revoka kienet ġiet mħollija għall-darba oħra u ma ġietx diskussa, id-deċiżjoni tal-Kunsill li jingħata l-kuntratt għadha tgħodd u għalhekk trid tinħareġ l-ittra tal-*acceptance* u jiġi iffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur.

Is-Segretarju Eżekuttiv iddikjara li huwa kien ser jimxi fuq dawn il-pariri u jibgħat l-ittra tal-konferma u kien wkoll ser jiffirma l-kuntratt. Ikun jonqos biss il-firma tas-Sindku fuq il-kuntratt. Dan għandu jiddeċiedi hu jekk jiffirmax jew le.

(1) Joe Demartino staqsa dwar l-appell li ressqu r-residenti dwar il-każ ta' ------

2.05 ~~Inqala il-każ tal-permess~~ ta' bini f'Wied il-Għasel ~~u~~ It-Tabiba Farrugia insistiet li jmissu mar xi ħadd għal meeting tal-appell tal-MEPA sabiex il-Kunsill Lokali tal-Mosta jkun irrappreżentat f'dan il-meeting. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li huwa kien ċempel diversi kunsilliera fosthom, is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Perit C. Grech, is-Sur J. Demartino u t-tabiba Farrugia, iżda dawn kollha qalu li ma kellhomx ċans imorru għal-laqgħa.

(2) u staqsa x'għara dwar dan il-każ u wera id-diżappunt tiegħu li l-Kunsill ma kienx rappreżentat

**3.00 Korrispondenza**

3.01 Ittra (email) mill-kumitat tat-tmexxija tal-Grawnd Lily of the Valley sabiex isir fence fil-Ground . Ġie aċċettat li jsir dan bi spiża ta €1560 suġġett għall approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kunsilli.

3.02 Ittra (email) dwar Liv Cons Award Internazzjonali ma ġietx irrakomandata parteċipazzjoni.

3.03 Talba minn Timothy Valletta għall barriers fi Triq il-Fortizza. Għandha terġa tinkiteb ittra lill-ADT.

3.04 Ittra mill-Housing Authority dwar il-garages fiż-Żokrija. Dan l-item ġie trattat f'item 2.01.

3.05 Ittra mill-uffiċju tal-Prim Ministru (minn Peter Portelli) fejn il-Kunsill ġie informat li ma ġiex approvat li l-Kunsill jagħmel proġett ta' kisi ta' toroq u pjazez (wara l-HSBC) bi spiża ta' €378,000 u jħallas fi żmien tlett snin. Saret diskussjoni mqanqla u s-Sindku flimkien mal-kunsilliera laburisti esprimew id-disappunt tagħhom għall-din l-ittra. Qalu li r-raġuni li ngħatat ma kienetx aċċettabbli. Ġie ssuġġerit li l-Kunsill għandu jikteb lir-residenti sabiex jfehmhom li l-permess ma ngħatax mill-uffiċċju tal-Prim Ministru bi skuża tal-Avviż Formali tal-4 ta' Mejju li l-istess Prim Ministru kien bgħatt lis-Sindku. Is-Sindku qal li huwa kien lest li jagħmel debate (waħdu) mal-Prim Ministru u l-Ministri kollha fuq it-TV. Sostna li din ir-risposta mhix aċċettabbli u mgħandhomx jeħlu u

jbatu r-residenti. Huwa qal li kien ser jikteb lill-Prim Ministru għall-kjarifika.

Is-Sindku talab vot ta' fiduċja fid-dawl ta' din l-ittra. Issekonda is-Sur Paul Agius. Is-Sindku sostna lest jiċċalinġja jekk il-Prim Ministru hux kapaċi issib xi traba f'għajnejh (is-Sindku) imbagħad jgħid hu (is-Sindku) xi jsib u fejn.

Is-Sur De Martino qal li l-Kunsilliera tan-naħa tiegħu l-proġett iriduh tant li kienu ivvutaw favur iżda huma ma kellhomx fiduċja fis-Sindku.

Tpoġġiet il-mozzjoni ta' fiduċja fis-Sindku għal-vot u din għaddiet f'sitta favur u 4 kontra. Is-Sur Demartino reġa spjega li huma ma kellhomx fiduċja fis-Sindku u kif dan qed imexxi l-Kunsill u mhux li huma kienu kontra l-proġett.

Is-Sindku iddikjara li kien ser jikteb u jqassam itrra lir-residenti ta' dik l-area u talab l-approvazzjoni għal dan. Poġġa l-proposta għal vot il-Perit Chris Grech u ġie issekondat minn Mario Sammut. Saret votazzjoni b'riżultat ta' 6 favur u 4 astensjonijiet. Dawk li astjenew kienu Joe Demartino, Shirley Farruguia,Nicola Fenech Adami u Marthese Mifsud. Il-proposta għaddiet.

3.06 Ittra mill-Med Design Association dwar preparazzjoni ta' xogħol bi skop ta' applikazzjonijiet għall-fondi mill-Ewropa. Ġie approvat il-kontenut tagħha.

3.07 Talba għal solidarjeta dwar proġett f'żona barra l-iskema ta' żvilupp. Il-Kunsill qal li din iż-żona ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu.

3.08 Quotation ta' SVIMED għat-tkomplija tax-xogħol fuq Cultexchange Programme wara li ġiet aċċettata l-estensjoni tal-programm. Ġiet approvata t-talba ta €1,500 kif ikkwotat minn SVIMED.

3.09 Email dwar xogħol ħażin ta' patching f'Triq E.B. Vella. It-tabiba Shirley Farrugia qalet li qed isir xogħol ħażin ta' patching . Is-sindku rribatta billi qal li dan qed isir skond kuntratt li ngħata qabel il-ħatra tiegħu bħala Sindku. Issa dan il-kuntratt wasal biex jiskadi. It-Tabiba qalet li jekk hemm bżonn jinbidlu l-ispecifications. Is-Sindku hawn issuġerixxa li kull kunsillier jagħti lista ta' erba toroq skond il-priorita sabiex isir il-patching.

3.10 Talba minn Ganado Sammut sabiex jsir il-ħlas pendenti fuq il-kawża tal-Bidnija. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jara għaliex dawn l-ispejjes ma kienux issemmew qabel meta Ganado & Sammut intalbu jgħatu l-bilanċ dovut wara li huma ma riedux ikompolu jgħatu s-servizz legali tagħhom lill-Kunsill.

3.11 Talba (minn Diandra Scorey) għal danni fuq ħsara ta' rota ta' karozza. Is-Segretarju Eżekuttiv ntalab jirreferi għall-parir dwar dan il-każ mid-Dipartiment tal-Kunsilli.

3.12 Email mingħand John Portelli dwar applikazzjoni lill-MEPA għall-*Upgrading downstream of Wied il-Għasel*". Il-Perit Chris Grech intalab jinvestiga x'kien il-każ.

3.13 Ittra oħra (minn Capt Mark Micallef) dwar talba għal spejjes ta' ħsara fuq karozza minħabba ħofor. Deċiżjoni bħal 3.11.

3.14 Talba min residenta għal litter bins tal-klieb f'toroq partikolari li tuża hi fil-passiġġati bil-kelb. Ma hux possibbli li jsiru bins bħal dawn fit-toroq

kollha. l-sidien tal-klieb għadhom jiġbru f'borża l-ħmieġ tal-klieb u jarmuh fil-bins taż-żibel wara li jinġabar fil-borża kif titlob il-liġi.

3.15 Talba għal għajnuna mil-mużew tal-bniet. Jintalab parir tad-Dipartiment tal-Kunsilli.

3.16 Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għal-attenzjoni tal-Kunsilliera email mid-Dipartiment tal-Kunsilli li tfakkar fl-obligu li anke it-talb għal *quotations* irid jiġi ippubblikat bi ħlas fil-gazzetta "*The Malta Independent*" kif jitolbu r-regolamenti filwaqt li l-attivitajiet tal-Kunsilli jistgħu jiġu ippubblikati b'xejn fl-istess gazzetta nhar ta' Tnejn.

3.17 Email dwar POYC Pharmacies ġiet ittrattata f'item 2.02.

3.18 Talba oħra minn Mark Micallef għall-kumpens ta' ħsara f'tyre. Deċiżjoni bħal item 3.11.

3.19 Email mill-*Youth Empowerment Centre* għall-tiswija fil-5-a-side ground tal-Lily of the Valley ġiet trattata f'item 3.01.

3.20 Email minn Georgiana Mallia (OPM) dwar approvazzjoni ta' għajnuna mill-gvern għal *Skema Energy Saving*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li jidher li it-talba għall-għajnuna ġiet approvata iżda għad ma għandhux dettalji tal-figura approvata. Għaċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni mill-Onor Dott Chris Said ġew inkarigati li jmorru is-Sur Pawlu Agius u s-Segretarju Eżekuttiv.

3.21 Ittra mingħand Inġ Ray Piscopo mill-MEPA. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ittra mill-MEPA fejn tindika li hemm total ta' fondi ta €443,280.58 fil-funds tal-UIF,EIPP u CPPS tal-MEPA. Is-Sindku qal li ser jara kif jistgħu jintużaw dawn il-fondi.

**4.0 Materji Finanzjarji**

4.01 Ġiet ippreżentata lista ta' pagamenti għas-somma ta' €18,947.03iżda ġiet approvata biss s-somma ta' €15,509.21 billi pagament no 2 ta'€3,437.82 lill-Ganado Sammut Advocates ma ġiex approvat qabel terġa tiġi iċċarata l-pożizzjoni skond item 3.10 aktar il-fuq f'dawn il-minuti. ^ Ġiet approvata wkoll lista ta' pagamenti li saru b'urgenza għat-total ta' €18,947.03.

4.02 Inftehu quotations għall-qtugħ ta' ħaxix u tindif ta' 8 kilometri ta' toroq rurali fil-Mosta.

Kien hemm 4 kwotazzjonijiet:

1. ELC għall €3,845 – (inkluż il-VAT)
2. Emy's Enterprices għall €4,423 – (inkluż il-VAT)
3. C. & J. Gauci għall €4,630 – (inkluż il-VAT)
4. L. Busuttil għall €4,617 – (inkluż il-VAT)

Ġie approvat li x-xogħol jingħata lill ELC għas-somma ta €3,845.

**5.0 Tender ta' Bistra**

5.01 Ġie approvat l-għoti ta' Tender No KLM 01/09 lill La Sana Casa għat-tkomplija tal-Visitors Centre f'Ta' Bistra skond kif rakkomandat mill-perit Maurice Galea u l-Kumitat tat-Tmexxija tal-proġett (Heritage Malta u KLM). Ġie innotat li La Sana Casa kienu l-uniċi li tefgħu offerta għall dan ix-xogħol.

## 6.0 Ħruġ ta' Tenders/Quotations

6.01 Ġie approvat li jinħarġu Tender/Quotations għall

a) Proviżżjoni ta' servizz tat-Trasport
b) Proviżżjoni ta' Street Furniture
c) Proviżżjoni ta' Servizz ta' Catering

6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn il-quotations kienu importanti li joħorġu minħabba li r-regolamenti fiskali tal-Kunsilli Lokali ma' jippermettux li jibqgħu jingħataw *direct orders* għall-valur ta' aktar minn (Lm200) € 465.87 mingħand l-istess individwu jew kumpanija għall-istess affarijiet fi żmien sitt xhur. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill jista jekk irid jgħażel aktar minn *supplier* wieħed għall dawn is-servizzi wara li tinħareġ is-sejħa għall-*quotatations*.

## 7.00 Sitwazzjoni tat-traffic u stat tat-toroq fil-Mosta

7.01 Il-Perit Chris Grech ġie mitlub li jikkolabora mal-Perit Charles Buhagiar sabiex jitlesta it-Traffic Management Report u jiġi ippreżentat lill-Kunsill għad-deċiżjonijiet neċċessarji. Intalab ukoll li huwa jaħdem fuq sistema ta' 1 ½ hour parking u '*drop and go'*.

## 8.00 Ħwejjeg oħra

8.01 Ġie approvat li jitkompla xogħol ta' infurzar tal-fencing tal-Grawnd tal-Lgħajba bi spiża ta' € 465.87 (Lm 200). Il-perit Chris Grech ġie awtorizzat jara li dan ix-xogħol isir.

L-agenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 10 ta ' Ġunju 2009 fis-7.30 p.m.

Il-laqgħa spiċċat fit-22.45 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Paul Chetcuti Caruana | John J. Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |